Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2001

Numru 64/2001

Il-Pulizija

vs

Alfred Gialanze et
Marco Baldacchino
Felix Borg

Seduta tal-lum 29 ta' Jannar, 2002.

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Alfred Gialanze** ta' 18-il sena bin Alfred u Lora *nee'* Bonello imwieled fit-18 ta' Awwissu, 1982, u residenti Flat 1, Triq il-Gendus, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 446982(M);

**Marco Baldacchino** ta’ 16-il sena, bin John u Rita *nee’* Degabriele, imwieled fl-10 ta’ Gunju, 1984, u residenti 5, Triq il-Lvant, Zejtun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 310184(M).
**Felix Borg** ta’ 15-il sena bin Emanuel u Lourdes *nee’* Camenzuli, mwieled fid-29 ta’ Jannar, 1985 u residenti Flat 25, Gebel San Martin,

Binja San Klement, Zejtun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 108785(M)

U nakkuwzaw lil **Alfred Gialanze** u **Marco Baldacchino** talli fit-23 ta’ Jannar, 2001, u matul il-gimghat ta’ qabel din id-data fiz-Zejtun, ikkommettew ta’ Play Station Sony, Television tal-kulur Seleco u Video Recorder tal-marka Saba mill-fond ‘Demville’, Triq Toni Zahra, Zejtun, ghad-detriment tal-konjugi Vella, liema serq hu kwalifikat fil-lok, mezz u valur.li jaccedi l-mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin.

Nakkuzaw lil **Marco Baldacchino** talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi kkommetta serq ta’ CD radio tal-marka Maxon u radio cassette ghad-detriment ta’ Raymond Vella, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jammonta ghal iktar minn mitt lira Maltin u inqas minn elf lira Maltin,l mezz u xorta tal-haga misruqa.

Nakkuzaw lill **Felix Borg** talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, flimkien ma **Alfred Gialanze** u **Marco Baldacchino** kkommetta serq ta’ Play Station Sony mill-fond ‘Denville, Triq Toni Zahra, Zejtun ghad-detriment al-konjugi Vella, liema serq hu kwalifikat bil-lok, mezz u valur li jaccedi l-ghaxar liri Maltin izda inqas minn mitt lira Maltin.

Nakkuzaw lil **Felix Borg** talli fiz-Zejtun u f’dawn il-Gzejjer, matil dawn l-ahhar xhur saq vettura ta’ l-ghamla Volvo numru ta’ registrazjoni mhux maghruf minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan moghtija lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b’polza ta’ sigurta ghal riskji kontra terzi persuni.

Nakkuzawhom ilkoll talli fit-23 ta’ Jannar, 2001, f’dan il-gzejjer laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

L-Onorabbli Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan li jista’ jkollu jew li jottjeni fil-futur ta’ l-imsemmi **Felix Borg** ghal perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali skond l-art 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja, u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura.

Rat in-nuqqas ta’ oggezzjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li hija fil-pussess tar-rifurtiva.

Wara li rat l-art. 261,263, 267, 269, 279, 384 Kap 9, 3 tal-Kap 104.

Wara li rat il-fedina penali netta ta’ Marco Baldacchino u Felix Borg, kif ukoll il-fedina penali ta’ Alfred Gialanze

Fil-konfront ta’ Felix Borg, dwar l-akkuza ta’ sewqan bla licenzja tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ Lm25, bl-applikazzjoni ta’ l-art. 37 tal-Kap 9, stante li ghadu minorenni.

Fil-konfront ta’ l-imputati kollha minflok kundanna tpoggihom taht ordni ta’ probation taht is-sorveljanza ta’ probation officer indikata ma’ l-annessa formola u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin taht il-kundizzjonijiet spjegati fl-istess formola.

Fil-konfront ta’ Felix Borg tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja ghall-zmien sena minn meta jaghlaq tmintax-il sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------